MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2009

Numru. 34/2008

**Il-Pulizija**
**Sp Dennis Theuma**
**vs**
**Brian Pace**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Brian Pace ta’ 29 sena iben Saviour u Miriam nee’ Agius mwieled Pieta fis-7 ta’ Settembru 1978 u residenti Summer flats Triq is-Sibbien Marsascala, ID 377378M.**

**Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fil-21 ta’ April 2007 u fix-xhur ta’ qabel kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet**

**tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti kienet mitluba titratta ma' l-imputat Brian Pace talli kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza imposta fuqu minn din il-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Anthony Vella LL.D. u datata 8 ta' Marzu 2007 fejn kien gie mpoggi that ordni ta' probation ghal perjodu ta' tliet snin.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghaz-zewg imputazzjonijiet u ghal daqstant l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 23 tal-Kap 446, kif wkoll it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 ssib lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrieh u qed tikkundannah ihallas multa ta' 580 Euro li tista' tithallas b'rata ta' 20 Euro fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi zmien 4 gimghat millum. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull 11.65 Euro li ma jithallsux.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------